MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 802/2008

***Segretarju Permanenti fil-Ministeru***
***ta' l-Edukazzjoni, Kultura,***
***Zghazagh u Sport***

***Vs***

***Keith Azzopardi li b 'digriet tat-12***
***ta' April, 2010 gie nominat Dr.Patrick Valentino***
***bhala kuratur deputat***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-attur fejn ippremetta illi l-konvenut kien beda l-istudji tieghu fl-Istitut ghall-Istudji Turistici f'Settembru, 2002 u matul il-perjodu li dam jistduja huwa kien jircievi stipendju.

Illi huwa rrizenja mill-kors tieghu f'Novembru, 2002.

Illi skond il-kundizzjonijiet tal-kors li kien qed isegwi l-konvenut fl-Istitut ghall-Istudji Turistici, u li hu accetta li jkun marbut bihom meta applika biex jidhol ghal tali kors, meta student jirrizenja mill-istudji tieghu huwa qed jirrifondi lura l-istipendju kollha li jkun ircieva.

Illi l-istipendju li rcieva l-konvenut u li hu dovut minnu jammonta ghal tlett mija disgha u disghin Ewro u tnejn u sebghin cntezmu (€399.72).

Illi l-konvenut kien interpellat diversi drabi biex ihallas dak li hu dovut, anke permezz ta' ittra ufficjali, izda huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut u jordnalu jirrifondi lill-attur is-somma ta' tlett mija disgha u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€399.72).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2003.

Ra li l-konvenut kien assenti mill-Gzejjer Maltin u ghalhekk fit-12 ta' April, 2010 gie nominat bhala kuratur Dr Patrick Valentino.

Ra r-risposta pprezentata mill-kuratur li eccepixxa illi ma kienx edott mill-fatti tal-kawza odjerna, pero' rrizerva d-dritt li jipprezenta r-risposta ulterjuri fl-eventwalita' li kien jirnexxielu jikkomunika mal-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Daniel Bugeja, in rapprezentanza tas-Segretarju Permanenti u li huwa nkarigat mill-accounts ta l-Institute of Tourism Studies.

Ikkonferma li l-konvenut kellu debitu mal-Istitut fl-ammont ta' tlett mija u disgha u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€399.72) u cioe' ekwivalenti ghal mija wiehed u sebghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm171.60).

Jispjega li kienu hallsuh xi stipendji zejda bejn it-30 ta' Settembru u t-30 ta' Novembru, 2002 u kienu qed jitolbuh jirrifondi lura dawn il-flus permezz ta' ittra registrata li rcieva. Dan kien sehh fis-6 ta' Mejju, 2003.

Fil-5 ta' April, 2004, il-konvenut kien ghamel ftehim maghhom li kien ser ihallas ghoxrin lira (Lm20) u cioe' ekwivalenti ghal sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59) fix-xahar, pero' qatt ma hallas.

Kien hemm xi zmien, meta missier il-konvenut kien ghamel kuntatt maghhom ghaliex kellu bzonn il-kopji tal-FS3's u kien wieghdhom li kien ser ihallas, izda qatt ma rcevew pagament.

Ghal diversi seduti, l-konvenut u l-kuratur tieghu baqqghu ma deherux u ghalhekk da parti taghhom ma gew prodotti l-ebda provi.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Peress illi s-Segretarju Permanenti attur tramite r-rapprezentant taghhom Daniel Bugeja kkonferma li l-konvenut kien jattendi l-Institute of Tourism Studies u kien thallas stipendji zejda bejn Settembru u Novembru, 2002 u l-attur kien qed jitlob rifuzjoni ta' l-ammont li thallas.

It-Tribunal ma giex ipprezentat b'xi provi li setghu jikkontradicu lill-attur. L-unika prova li ngabet quddiemu hija dik ta' Daniel Bugeja, li huwa nkarigat mill-accounts ta'l-Istitut. L-istess xhud ikkonferma li l-konvenut qatt ma kien ghamel pagament, minkejja li darba kien mar u ppropona li jibda' jhallas ghoxrin lira Maltin fix-xahar.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija disgha u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€399.72) bhala rifuzjoni ta' stipendju mhallas zejda ghall-perjodu bejn it-30 ta' Settembru u t-30 ta' Novembru, 2002.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------